

**Brussell, 25 ta' Novembru 2019
(OR. en)**

14115/19

**FISC 445
ECOFIN 1006**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) – Konklużjonijiet tal-Kunsill = Adozzjoni

1. Fil-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Novembru 2019, il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (tassazzjoni tal-intrapriżi) qabel dwar rapport ta' progress lill-Kunsill (dok. 14114/19 + ADD 1 sa 10) u l-abbozz ta' konklużjonijiet li jakkumpanjaw dan ir-rapport dwar "il-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi ta' Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) matul il-Presidenza Finlandiża" bl-eċċezzjoni tal-paragrafu 10 tiegħu.
2. Il-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar kwistjonijiet ta' taxxa (HLWP) qabel dwar formulazzjoni finali għall-paragrafu msemmi hawn fuq tal-abbozz ta' konklużjonijiet fil-laqgħa tiegħu tat-22 ta' Novembru 2019. Bħala riżultat, l-abbozz finali tal-konklużjonijiet jinsab hawn taħt:

"Fir-rigward tal-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi), il-Kunsill:

1. JILQA' l-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi ta' Kondotta matul il-Presidenza Finlandiża kif stipulat fir-rapport tiegħu (dok. 14114/19 + ADD 1-10);
2. JISTIEDEN lill-Grupp jissokta bil-ħidma tiegħu fil-qafas tal-pakkett ta' ħidma pluriennali tiegħu għall-2018 (dok. 10420/18);

3. JAPPROVA l-valutazzjonijiet tal-istatus quo li qabel dwarhom il-Grupp u JITLOB lill-Grupp ikompli bil-monitoraġġ tal-istatus quo u bl-implimentazzjoni tal-iżmuntar;
4. JAPPROVA l-gwida dwar ir-reġimi ta' tnaqqis nozzjonali tal-imgħax li tinsab fl-anness għar-rapport tal-Grupp u JISTIEDEN lill-Istati Membri li jixtiequ jimplimentaw dan it-tip ta' reġim biex isegwuha;
5. JAPPROVA l-valutazzjoni tal-konformità tal-Istati Membri mal-Linji Gwida tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta tal-2013 dwar il-kumpanniji intermedji (finanzjament, liċenzjar), u JITLOB lill-Grupp biex ikompli jissorvelja l-implimentazzjoni tan-noti ta' gwida tal-passat;
6. Fir-rigward tal-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa, JAPPROVA l-mod kif il-Grupp solva l-kwistjonijiet proċedurali u politiċi li tqajmu fil-proċess tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-impenji meħuda mill-ġurisdizzjonijiet;
7. JISTIEDEN lill-Grupp biex jibda l-valutazzjoni tar-reġimi ta' eżenzjoni tad-dħul minn sorsi barranin li għadhom kif ġew identifikati u li huma elenkati fir-rapport tiegħu;
8. JITLOB lill-Grupp biex ikompli d-diskussjonijiet u jaqbel dwar il-kriterju futur 1.4 (skambju ta' informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja);
9. JAPPROVA l-approċċ ibbażat fuq l-attivitajiet maqbul mill-Grupp fir-rigward ta' rekwiżiti għal sħubiji skont il-kriterju 2.2 li jinsab fl-anness għar-rapport tal-Grupp u l-approċċ komuni għall-attivazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni ma' ġurisdizzjonijiet skont dan l-istess kriterju;
10. JAPPROVA l-Gwida dwar aktar koordinazzjoni ta' miżuri difensivi fil-qasam tat-taxxa li tinsab fl-anness 4 għar-rapport tal-Grupp u JISTIEDEN lill-Grupp biex jagħmel valutazzjoni tal-implimentazzjoni fl-ewwel stadju. Bħala t-tieni pass, JISTIEDEN lill-Grupp biex jivvaluta l-punt sa fejn l-implimentazzjoni ta' miżuri difensivi previsti mill-Gwida kienet effettiva u koerenti, u jirrapporta regolarment lill-Kunsill. Il-valutazzjoni tal-effikaċja għandha ssir billi titkejjel il-bidla pożittiva li twassal għat-tneħħija ta' ġurisdizzjonijiet mil-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa;

11. JISTIEDEN lill-Grupp biex jirrapporta lura lill-Kunsill dwar il-ħidma tiegħu matul il-Presidenza Kroata."

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:

- jibgħat lill-Kunsill ir-rapport tal-Grupp dwar il-Kodiċi ta' Kondotta (dok. 14114/19 FISC 444 ECOFIN 1005 + ADD 1-10), flimkien mal-konklużjonijiet kif jinsabu hawn fuq;
 - jissuġġerixxi li japprova r-rapport u jadotta l-konklużjonijiet, it-tnejn bħala punti "A" fuq l-aġenda tiegħu.
-